MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1336/2007

**L-avukat Dr Henri Mizzi bhala mandatarju specjali ghan-nom u rapprezentanza tas-socjetajiet esteri Robert Damkjaer Limited u Damkjaer International A/S**

**Vs**

**Robert Damkjaer (Malta) Limited u CSMR (1994) Limited**

Din id-decizjoni tittratta l-kwistjoni dwar ***“..... jekk it-tikketta murija fuq id-dokument KK 6 fol. 285 hijiex milquta bl-azzjoni talum jew jekk l-azzjoni tolqot biss dawk it-tikketti fejn effettivament tidher il-kelma Dany.”*** (ara verbal tal-15 ta’ Gunju 2010).

Il-kawza tittratta kwistjoni dwar proprjeta industrijali. It-talbiet tal-atturi huma:-

*“a. tiddikjara li ebda wahda mis-socjetajiet intimati mhi awtorizzata li tuza jew tinqeda bil-marka DANY;*

*b. tiddikjara li bl-agir ta’ l-intimati, jew min minnhom, huma kkawzaw danni lis-socjetajiet rikorrenti jew minn minnhom;*

*c. tillikwida l-imsemmija danni anke bl-opera ta’ periti nominandi u, jekk ikun il-kaz, mehud in konsiderazzjoni dak dispost fl-artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*d. tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, saiex ihallsu d-danni kif likwidati; u*

*e. ai termini ta’ l-artikolu 15(1) tal-Kap. 416, tizgura li ssir il-qerda ta’ dawk il-prodotti tal-friza tal-marka DANY li ghandhom best before date wara l-1 ta’ April 2007 u li gew cirkolati fis-suq Malti bi ksur tad-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta RDL.”*.

Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-kawza hi bazata fuq il-marka “DANY” li b’sehh mill-11 ta’ Dicembru 2001 giet registrata bhala trademark favur l-attrici Robert Damkjaer Limited (ara Dok. B a fol. 6). L-ilment tal-atturi (ara paragrafu 8 tal-premessi tar-rikors guramentat) hu li din il-marka baqghet tintuza fuq prodotti li jinbieghu mill-kumpannija CSMR (1994) Limited, wara li spiccat kull relazzjoni bejn Robert Damkjaer Limited (sid tat-trademark) u Damkjaer International A/S min-naha wahda, u Robert Damkjaer (Malta) Limited min-naha l-ohra. Tant hu hekk li f’paragrafu disa’ tar-rikors guramentat jinghad: *“hekk kif appena ndunat b’dan l-agir is-socjeta proprjetarja tal-marka DANY, RDL, intimat lil RD(M) sabiex din tieqaf minn dan l-agir u l-istess socjeta giet ukoll infurmata li hi ma kinitx awtorizzata aktar li tuza l-marka DANY....”*. Imbaghad f’paragrafu 11 hemm b’mod car x’inhi l-pretensjoni tal-atturi, cjoe’ li l-uzu tal-marka DANY *“..... minghajr il-permess tas-socjeta RDL u wkoll (ii) b’materja prima li mhix ta’ DI, huwa agir li jikkostitwixxi*

*ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali ta' RDL, kif deskritt fl-artikolu 10 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta."*.

Id-dokument KK6 a fol. 285 ma fih l-ebda marka DANY li tidher fuqu[1]. Madankollu l-qorti qeghda tifhem li kull ma sar kien li tghattiet il-kelma DANY, permezz ta' sticker bil-kliem "The Original". Fuq it-tikketta jinghad ukoll ***"Produced under Licence and Supervision by our Danish partners Robert Damkjaer Ltd."***. Konsumatur li jara sticker fuq prodott facilment jista' jnehhiha biex jara x'hemm taht. Fil-fehma tal-qorti ghal finijiet tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta, it-trademark ta' Robert Damkjaer Limited fuq l-ippakkettjar tal-prodott jikkwalifika bhala uzu minkejja li parti minnha giet mghottija permezz ta' sticker (ara Artikolu 10(4)(a)), iktar u iktar meta tqies li fuq l-istess pakkettjar hemm dikjarazzjoni li l-prodott gie manifatturat taht licenzja u supervizjoni ta' ***"our Danish partners Robert Damkjaer Ltd"***.

**Ghaldaqstant, il-qorti tiddikjara li prodotti bhal dawk li jidhru fid-dokument KK6 a fol. 285 u li fuqhom twahhlet sticker biex jitghatta l-isem "DANY", jifformaw parti minn din il-kawza.**

**Spejjez ta' din id-decizjoni ghall-konvenuti**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fil-fehma tal-qorti ll-barcode li hemm fuq it-tikketta m'hijiex ta' rilevanza ghall-ezitu tal-kawza, mehud in konsiderazzjoni l-mod kif giet proposta l-kawza.